

Sabiex tīgi għarantita l-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti u l-osservanza tal-ġurisprudenza tal-Unjoni li timplimentaha, huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni, mad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 u, b'mod iktar partikolari, mal-Artikolu 6(1) u mal-Artikolu 7(1) ta' din tal-aħħar il-fatt li t-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) tagħmel interpretazzjoni inklużiva ta' klawżola nulla minħabba n-natura inġusta tagħha, meta t-tħassir ta' din il-kawżola u l-effetti ta' dan it-tħassir ma jipprekludux iż-żamma fis-seħħ tal-kuntratt ta' self b'garanzija bankarja?

---

(<sup>1</sup>) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolo 15, Vol. 2, p. 288.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fil-5 ta' April 2019 —  
DenizBank AG vs Verein für Konsumenteninformation**

**(Kawża C-287/19)**

**(2019/C 246/08)**

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberster Gerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: DenizBank AG

Konvenuta: Verein für Konsumenteninformation

**Domandi preliminari**

1. Il-punt (6)(a) tal-Artikolu 52 flimkien mal-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2015/2366/UE (<sup>1</sup>) (iktar 'il quddiem id-“Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament”), li jgħid li l-utent tas-servizz ta’ pagament jitqies li aċċetta l-bidliet propositi fil-kundizzjonijiet sakemm l-utent tas-servizz ta’ pagament ma jkunx innotifika hill-fornitur tas-servizz ta’ pagament qabel id-data proposta għad-dħul fis-seħħi tagħhom li huma ma humiex aċċettati, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan il-kunsens taċitu jista’ jinfiehem ukoll mal-konsumatur għal kwalunkwe kundizzjonijiet kuntrattwali konċepibbli mingħajr restrizzjoni?
2. a) Il-punt (14) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta’ Pagament għandu jiġi interpretat fis-sens li l-funzjoni NFC ta’ karta bankarja ppersonalizzata u multifunzjonal, li permezz tagħha pagamenti ta’ valur baxx huma ddebitati mill-kont assoċjat tal-kljient tikkostitwixxi strument ta’ pagament?
- b) Jekk id-domanda 2.a) tingħata risposta fl-affermattiv:

L-Artikolu 63(1)(b) tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta’ Pagament rigward id-derogi għal pagamenti ta’ valur baxx u flus elettroniku għandu jiġi interpretat fis-sens li pagament “contactless” ta’ valur baxx bl-użu tal-funzjoni NFC ta’ karta bankarja ppersonalizzata u multifunzjonal għandu jitqies bħala użu anonimu tal-istrument ta’ pagament fis-sens tad-deroga?

3. L-Artikolu 63(1)(b) tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament għandu jiġi interpretat fis-sens li fornitur ta' servizz ta' pagament jista' jistrieħ fuq din id-deroga biss jekk jiġi stabbilit, fid-dawl tal-istat oġġettiv tal-għarfien tekniku, li l-strument ta' pagament ma jippermettix l-ibblokkar tiegħu jew il-prevenzjoni ta' użu ulterjuri tiegħu?

---

(<sup>1</sup>) Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU 2015, L 337, p. 35).

---

### **Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Brașov (ir-Rumanija) fid-9 ta' April 2019 — SO vs TP et**

**(Kawża C-291/19)**

(2019/C 246/09)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

#### **Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Brașov

#### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: SO

Konvenuti: TP et

#### **Domandi preliminari**

- 1) Il-mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika (MKV) stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE tat-13 ta' Diċembru 2006 (<sup>1</sup>), għandu jitqies li huwa att adottat minn istituzzjoni tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, li jista' jiġi ssuġġettat għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea?
- 2) Ir-rekiżi fformulati fir-rapporti stabbiliti fil-kuntest tal-imsemmi mekkaniżmu huma ta' natura vinkolanti għar-Rumanija, b'mod partikolari (iżda mhux unikament) inkonnessjoni mal-ħtieġa li jitwettqu emendi leġiżlattivi li jkunu konformi mal-konklużjonijiet tal-MKV kif ukoll mar-rakkmandazzjoni ifformulati mill-Kummissjoni ta' Venezia u mill-grupp ta' Stati kontra l-korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa?
- 3) L-Artikolu 2, moqrif flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu tar-Rumanija li tosserva r-rekiżi imposti mir-rapporti stabbiliti fil-kuntest tal-mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika (MKV) stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE tat-13 ta' Diċembru 2006, jaqa' taħt l-obbligu tal-Istat Membru li josserva l-prinċipji tal-istat tad-dritt?